VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19, 107, 9 ta' Lulju, 2013
Taqsima B

A.L. 180 tal-2013

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Ordni tal-2013 dwar il-Konvenzjoni Konġunta tal-Kunsill tal-Ewropa/OECD dwar Assistenza Amministrattiva Reċiproka dwar Materja ta' Taxxa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 76 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' din l-ordni hu Ordni tal-2013 dwar il-Konvenzjoni Konġunta tal-Kunsill tal-Ewropa/OECD dwar Assistenza Amministrattiva Reċiproka dwar Materja ta' Taxxa.

Arranġamenti jkollhom effett.

2. B'dan qiegħed jiġi dikjarat:

(a) illi huwa spedjenti li l-arranġamenti speċifikati fil-Konvenzjoni murija fl-Iskeda li tinsab ma' din l-Ordni (hawn iżjed 'il quddiem msejħa l-Konvenzjoni) li saru bil-ħsieb li jipprevjenu l-evitar ta' taxxa u l-evażjoni ta' taxxa għandu jkollhom effett f'Malta;

(b) illi l-Konvenzjoni ġiet ratifikata minn Malta fit-23 ta' Mejju 2013;

(ċ) illi l-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ f'Malta skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 28 tal-Konvenzjoni;

(d) illi d-data tal-bidu fis-seħħ tal-Konvenzjoni għandha tiġi mħabbra permezz ta' avviż fil-Gazzetta.

B 2440

Skeda

Artikolu 2

KONVENZJONI DWAR ASSISTENZA AMMINISTRATTIVA REĊIPROKA DWAR MATERJA TA' TAXXA

Test emendat bid-dispożizzjonijiet tal-Protokoll li jemenda l- Konvenzjoni dwar Assistenza Amministrattiva dwar Materja ta' Taxxa, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2011

Preambolu

L-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa u l-pajjiżi membri tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (OECD), firmatarji tal-Konvenzjoni,

Billi ikkunsidraw li l-iżvilupp internazzjonali ta' moviment ta' persuni, kapital, oġġetti u servizzi - għalkemm minnu innifsu hu ta' benefiċċju kbir – żied il-possibiltajiet ta' evitar u evażjoni ta' taxxa u għalhekk jeħtieġ iżjed kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa;

Billi jilqgħu l-isforzi varji li saru fi snin riċenti biex jiġġieldu l-evitar ta' taxxa u l-evażjoni ta' taxxa f'livell internazzjonali, sew bilateralment jew multilateralment;

Billi ikkunsidraw li sforz koordinat bejn l-Istati hu neċessarju sabiex irawwam kull forma ta' assistenza reċiproka f'materji dwar taxxi ta' kull tip filwaqt li fl-istess ħin jiżgura protezzjoni adegwata tad-drittijiet ta' min iħallas it-taxxa;

Billi jirrikonoxxu li kooperazzjoni internazzjonali tista' tilgħab parti importanti sabiex tiffaċilità li tkun stabbilita b'mod xieraq t-taxxa dovuta u sabiex tgħin lil min iħallas it-taxxa li jiżgura d-drittijiet tiegħu;

Billi ikkunsidraw li l-prinċipji fundamentali li jintitulaw kull persuna li jkollu id-drittijiet u l-obbigi tiegħu stabbiliti skont proċeduri legali xierqa għandhom jiġu rikonoxxuti bħala li japplikaw dwar materji ta' taxxa fl-Istati kollha u li l-Istati għandhom jippruvaw li jipproteġu l-interessi leġittimi ta' min iħallas it-taxxa, inkluż protezzjoni xierqa kontra d-diskriminazzjoni u t-taxxa doppja;

Billi għalhekk huma konvinti li l-Istati għandhom jwettqu miżuri jew jagħtu informazzjoni, waqt li jagħtu każ għall-ħtieġa li jippoteġu l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni, u billi jieħdu kont ta' strumenti internazzjonali dwar il-protezzjoni tal-privatezza u kif timxi d-*data* personali;

Billi ikkunsidraw li żviluppa ambjent ġdid ta' kooperazzjoni u li hu mixtieq li

strument internazzjonali jkun disponibbli sabiex jippermetti l-ikbar numru ta' Stati li jiksbu l-benefiċċji tal-ambjent ġdid ta' kooperazzjoni u fl-istess ħin jimplimentaw l-ogħla *standards* internazzjonali ta' kooperazzjoni fil-qasam tat-taxxa;

Billi jixtiequ jagħmlu konvenzjoni dwar assistenza amministrattiva reċiproka dwar materja ta' taxxa,

Ftehmu kif ġej:

Kapitolu I - Għan tal-Konvenzjoni

Artikolu 1 - Għan tal-Konvenzjoni u persuni koperti

1. Il-Partijiet għandhom, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IV, jippovdu assistenza amministrattiva lil xulxin dwar materji ta' taxxa. Dik l-assistenza tista' tinvolvi, meta hu xieraq, miżuri li jittieħdu minn korpi ġudizzjarji.

2. Dik l-assistenza amministrattiva għandha tinkludi:

a skambju ta' informazzjoni, inkluż eżamijiet ta' taxxa simultanji u parteċipazzjoni f'eżamijiet ta' taxxa barra l-pajjiż;

b assistenza fl-irkupru, inklużi miżuri ta' konservazzjoni; u

ċ notifika ta' dokumenti.

3. Parti għandha tipprovdi assistenza amministrattiva sew jekk il-persuna affettwata tkun residenti jew ċittadin ta' Parti jew ta' kull Stat ieħor.

Artikolu 2 - Taxxi koperti

1. Din il-Konvenzjoni għandha tapplika:

a għat-taxxi li ġejjin:

i taxxi fuq l-*income* jew profitti,

ii taxxi fuq il-qligħ kapitali li jkunu imposti separatament mit-taxxa fuq l-*income* jew il-profitti,

iii taxxi fuq il-ġid nett,

imposti f'isem Parti; u

b għat-taxxi li ġejjin:

i taxxi fuq l-*income*, profitti, qligħ kapitali jew ġid nett li jkunu imposti f'isem sottodiviżjonijiet politiċi jew awtoritajiet lokali ta' Parti,

ii kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali obbligatorji li jitħallsu lil gvern ċentrali jew lil istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali stabbiliti taħt liġi pubblika, u

iii taxxi f'kategoriji oħra, ħlief għal dazji doganali, imposti f'isem Parti, jiġifieri:

A. taxxi fuq l-*estate*, il-wirt jew ir-rigali,

B. taxxi fuq proprjetà immobbli,

Ċ. taxxi ġenerali fuq il-konsum, bħal taxxi fuq il-valur miżjud jew il-bejgħ,

D. taxxi speċifiċi fuq oġġetti u servizzi bħal taxxi tas-sisa,

E. taxxi fuq l-użu jew għax tkun sid ta' vetturi bil-mutur,

F. taxxi fuq l-użu jew għax tkun sid ta' proprjetà mobbli ħlief għal vetturi bil-mutur,

G. kull taxxa oħra;

iv taxxi fil-kategoriji msemmija fis-sub-paragrafu iii. ta' hawn fuq li jkunu imposti f'isem sottodiviżjonijiet politiċi jew awtoritajiet lokali ta' Parti.

2. It-taxxi eżistenti li għalihom għandha tapplika il-Konvenzjoni huma elenkati f'Anness A fil-kategoriji msemmija fil-paragrafu 1.

3. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa jew lis-Segretarju Ġenerali tal-OECD (hawn iżjed 'il quddiem msejjħa d-"Depożitarji") b'kull tibdil li għandu jsir f'Anness A bħala riżultat ta' modifika tal-elenku msemmi fil-paragrafu 2. Dak it-tibdil għandu jkollu effett fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara li jintemm perjodu ta' tliet xhur wara li jiġi riċevut l-avviż mid-Depożitarju.

4. Il-Konvenzjoni għandha tapplika wkoll, minn meta tiġi addottata, għal kull taxxa identika jew sostanzjalment simili li tkun imposta fi Stat Kontraenti wara li tidħol fis-seħħ il-Konvenzjoni dwar dik il-Parti b'żjieda jew minflok it-taxxi eżistenti elenkati f'Anness A u, f'dak il-każ, il-Parti involuta għandha tavża wieħed mid-Depożitarji bl-addozzjoni tat-taxxa inkwistjoni.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Kapitolu II - Tifsiriet ġenerali

Artikolu 3 - Tifsiriet

1. Għall-għanijiet ta' din il-Konvenzjoni, kemm il-darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

a il-frażijiet "Stat applikant" u "Stat mitlub" ifissru rispettivament kull Parti li tapplika għall-assistenza amministrattiva f'materji ta' taxxa u kull Parti mitluba li tipprovdi dik l-assistenza;

b il-frażi "taxxa" tfisser kull taxxa jew kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali li għaliha tapplika il-Konvenzjoni skont l-Artikolu 2;

ċ il-frażi "talba ta' taxxa" tfisser kull ammont ta' taxxa, kif ukoll imgħax fuqu, multi amministrattivi relatati u spejjeż inċidentali għall-irkupru, li jkunu dovuti u li ma jkunux mħallsa;

d il-frażi "awtorità kompetenti" tfisser il-persuni u l-awtoritajiet elenkati fl-Anness B;

e il-frażi "ċittadini" dwar Parti tfisser:

i l-individwi kollha li jkollhom iċ-ċittadinanza ta' dik il-Parti, u

ii il-persuni ġuridiċi kollha, soċjetajiet, assoċjazzjonijiet u entitajiet oħra li jiksbu l-istatus tagħhom mill-liġijiet li jkunu fis-seħħ f'dik il-Parti.

Għal kull Parti li tkun għamlet dikjarazzjoni għal dak il-għan, hu mifhum li l-frażijiet użati hawn fuq bħala mfissra fl-Anness Ċ.

2. Rigward l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni minn Parti, kull frażi li mhix imfissra hemmhekk għandha, kemm il-darba ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, ikollha t-tifsira li għandha taħt il-liġi ta' dik il-Parti dwar it-taxxi koperti bil-Konvenzjoni.

3. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw wieħed mid-Depożitarji b'kull tibdil li għandu jsir fl-Annessi B u Ċ. Dak it-tibdil għandu jkollu effett fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara li jintemm perjodu ta' tliet xhur wara li tiġi riċevuta n-notifika mid-Depożitarju inkwistjoni.

Kapitolu III - Forom ta’ assistenza

Taqsima I - Skambju ta’ informazzjoni

Artikolu 4 - Provvediment ġenerali

1. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw kull informazjoni, partikularment kif provdut f’din it-taqsima, li tkun prevista bħala rilevanti għall-amministrazzjoni jew l-infurzar tal-liġijiet domestiċi tagħhom dwar it-taxxi koperti minn din il-Konvenzjoni.

2. Mħassar.

3. Kull Parti tista’, b’dikjarazzjoni li tkun indirizzata lil wieħed mid-Depożitarji, tindika li, skont il-leġislazzjoni interna tagħha, l-awtoritajiet tagħha jistgħu jinformaw residenti jew ċittadin tagħha qabel jittrasmettu informazzjoni dwaru, skont ma hemm fl-Artikoli 5 u 7.

Artikolu 5 - Skambju ta’ informazzjoni fuq talba

1. Fuq talba ta’ Stat applikanti, l-Istat mitlub għandu jipprovdi lill-Istat applikant b’kull informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 li tikkonċerna persuni partikolari jew transazzjonijiet.

2. Jekk l-informazzjoni disponibbli fil-fajls tat-taxxa tal-Istat mitlub ma tkunx biżżejjed biex tikkonforma mat-talba għall-informazzjoni, dak l-Istat għandu jieħu l-miżuri kollha rilevanti biex jipprovdi lill-Istat applikant bl-informazzjoni mitluba.

Artikolu 6 - Skambju ta’ informazzjoni awtomatiku

Dwar kategoriji ta’ każi u skont il-proċeduri li huma għandhom jistabbilixxu bi ftehim reċiproku, żewġ Partijiet jew aktar għandhom jiskambjaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 awtomatikament.

Artikolu 7 - Skambju ta’ informazzjoni spontanju

1. Parti għandha, mingħajr ma ssir talba, tibgħat lil Parti oħra informazzjoni li tkun taf biha f’dawn iċ-ċirkonstanzi:

a il-Parti msemmija l-ewwel għandha raġuni biex tissoponi li jista’ ikun hemm telf ta’ taxxa fil-Parti l-oħra;

b persuna li tkun suġġetta għat-taxxa tikseb tnaqqis jew eżenzjoni mit-taxxa fil-Parti l-ewwel imsemmija li biha għandu jkun hemm żjieda fit-taxxa jew fit-taxxa dovuta fil-Parti l-oħra;

ċ trattamenti ta' negozju bejn persuna suġġetta għat-taxxa f'Parti u persuna suġġetta għat-taxxa f'Parti oħra jsiru permezz ta' pajjiż wieħed jew aktar b'mod li tista' tiġi iffrankata t-taxxa f'Parti waħda jew l-oħra jew fit-tnejn;

d Parti għandha raġuni biex tissoponi li tista' tiġi iffrankata t-taxxa mit-trasferiment artifiċjali ta' profitti bejn gruppi ta' impriżi;

e informazzjoni li tintbagħat lill-Parti l-ewwel imsemmija mill-Parti l-oħra għamlet possibbli li tinġabar informazzjoni li tista' tkun rilevanti biex issir stima tat-taxxa dovuta fil-Parti l-aħħar imsemmija.

2. Kull Parti għandha tieħu dawk il-miżuri u timplimenta dawk il-proċeduri li jkunu meħtieġa biex jiżguraw li l-informazzjoni deskritta fil-paragrafu 1 tkun disponibbli biex tiġi trasmessa lil Parti oħra.

Artikolu 8 - Eżamijiet tat-taxxa simultanji

1. Fuq talba ta' waħda minnhom, żewġ Partijiet jew aktar għandhom jikkonsultaw lil xulxin bil-għan li jiġu stabbiliti każijiet u proċeduri għall-eżamijiet tat-taxxa simultanji. Kull Parti involuta għandha tiddeċiedi jekk tixtieq tipparteċipa jew le f'eżami tat-taxxa simultanju partikolari.

2. Għall-għanijiet ta' din il-Konvenzjoni, eżami tat-taxxa simultanju tfisser arranġament bejn żewġ Partijiet jew aktar sabiex jeżaminaw simultanjament, kull wieħed fit-territorju tiegħu, l-affarijiet tat-taxxa ta' persuna jew persuni li fihom għandhom interess komuni jew relatat, bl-iskop li jiskambjaw kull informazzjoni rilevanti li huma hekk jiksbu.

Artikolu 9 - Eżamijiet tat-taxxa barra mill-pajjiż

1. Fuq talba tal-awtorità kompetenti tal-Istat applikant, l-awtorità kompetenti tal-Istat mitlub tista' tippermetti rappreżentanti tal-awtorità kompetenti tal-Istat applikant li jkunu preżenti f'parti xierqa ta' eżami ta' taxxa fl-Istat mitlub.

2. Jekk it-talba tiġi milqugħa, l-awtorità kompetenti tal-Istat mitlub għandha, malajr kemm jista' ikun, tavża l-awtorità kompetenti tal-Istat applikant rigward il-ħin u l-post tal-eżami, l-awtorità jew l-uffiċjal maħtura biex jagħmlu l-eżami u l-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Istat mitlub biex isir l-eżami. Id-deċiżjonijiet kollha dwar il mod kif isir l-eżami għandhom isiru mill-Istat mitlub.

3. Parti tista' tinforma wieħed mid-Depożitarji bl-intenzjoni tagħha li ma taċċettax, bħala regola ġenerali, talbiet bħal dawk imsemmija fil-paragrafu 1. Dikjarazzjoni bħal dik tista' issir jew tiġi irtirata fi kwalunkwe ħin.

Artikolu 10 - Informazzjoni konfliġġenti

Jekk Parti tirċievi minn Parti oħra informazzjoni dwar l-affarijiet tat-taxxa ta' persuna li hi jidhrilha li tkun konfliġġenti ma' informazzjoni li jkollha fil-possess tagħha, hi għandha tavża b'dan lill-Parti li pprovdiet l-informazzjoni.

Taqsima II - Assistenza għall-irkupru

Artikolu 11 - Irkupru ta' talbiet ta' taxxa

1. Fuq talba tal-Istat applikant, l-Istat mitlub għandu, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 14 u 15, jieħu l-miżuri neċessarji biex jirkupra it-talbiet tat-taxxa tal-ewwel imsemmi Stat bħallikieku dawn kienu talbiet tat-taxxa tiegħu stess.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom japplikaw biss għal talbiet tat-taxxa li jkunu suġġetti ta' strument li jippermetti l-infurzar tagħhom fl-Istat applikant u, sakemm ma jiġix miftiehem mod ieħor bejn il-Partijiet konċernati, li ma jkunux kontestati.

Iżda, meta t-talba tkun kontra persuna li ma jkunx residenti tal-Istat applikant, il-paragrafu 1 għandu japplika biss, sakemm ma jiġix miftiehem mod ieħor bejn il-Partijiet involuti, meta t-talba ma tkunx tista' tiġi iżjed ikkontestata.

3. L-obbligu li tipprovdi assistenza fl-irkupru ta' talbiet ta' taxxa li jinvolvu persuna mejta jew l-*estate* tiegħu, hu limitat għall-valur tal-*estate* jew il-proprjetà li tkun ġiet akkwistata minn kull benefiċċjarju tal-*estate*, skont jekk it-talba għandhiex tiġi rkuprata mill-estate jew mill- benefiċċjarji tiegħu.

Artikolu 12 - Miżuri ta' konservazzjoni

Fuq talba tal-Istat applikant, l-Istat mitlub għandu, bil-għan li jiġi rkuprat ammont ta' taxxa, jieħu miżuri ta' konservazzjoni ukoll jekk it-talba tkun kontestata jew ma tkunx għadha suġġetta għal strument li jippermetti l-infurzar.

Artikolu 13 - Dokumenti li jakkumpanjaw talba

1 It-talba għall-assistenza amministrattiva taħt din it-taqsima għandha tkun akkumpanjata minn:

a dikjarazzjoni li t-talba tat-taxxa tinvolvi taxxa koperta mill-Konvenzjoni u, fil-każ ta' irkupru li, bla ħsara għall-paragrafu 2 tal-Artikolu 11, it-talba tat-taxxa ma tkunx jew ma tkunx tista' tkun kontestata,

b kopja uffiċjali tal-istrument li jippermetti l-infurzar fl-Istat applikant, u

ċ kull dokument ieħor meħtieġ għall-irkupru jew miżuri ta' konservazzjoni.

2. L-istrument li jippermetti l-infurzar fl-Istat applikant għandu, meta hu xieraq u skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fl-Istat mitlub, ikun aċċettat, rikonoxxut, supplimentat jew sostitwit malajr kemm jista' ikun wara d-data li fiha tiġi riċevuta t-talba għall-assistenza, minn strument li jippermetti l-infurzar fl-aħħar imsemmi Stat.

Artikolu 14 - Limitu ta' żmien

1. Kwistjonijiet li jikkonċernaw kull perjodu li lil hinn minnu talba ta' taxxa ma tkunx tista' tiġi infurzata għandhom ikunu regolati mill-liġi tal-Istat applikant.

2. Atti ta' irkupru li jsiru mill-Istat mitlub skont talba ta' assistenza, li, skont il-liġijiet ta' dak l-Istat, jkollhom l-effett li jissospendu jew jinterrompu l-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, għandu jkollhom dak l-effett ukoll taħt il-liġijiet tal-Istat applikant. L-Istat mitlub għandu jinforma l-Istat applikant dwar dawk l-atti.

3. Fi kwalunkwe każ, l-Istat mitlub mhux obbligat li jikkonforma ma' talba għall-assistenza li tkun magħmula wara perjodu ta' 15 il-sena mid-data tal-istrument oriġinali li jippermetti l-infurzar.

Artikolu 15 - Priorità

It-talba ta' taxxa li dwarha l-assistenza tkun provduta m'għandux ikollha fl-Istat mitlub xi priorità li b'mod speċjali jingħataw għat-talbiet ta' taxxa ta' dak l-Istat ukoll jekk il-proċedura ta' irkupru użata tkun dik applikabbli għat-talbiet ta' taxxa tiegħu stess.

Artikolu 16 - Differiment ta' pagament

L-Istat mitlub jista' jippermetti differiment ta' pagament jew pagament bin-nifs jekk il-liġijiet jew il-prattika amministrattiva tiegħu jippermettulu li jagħmel hekk f'ċirkustanzi simili, iżda l-ewwel għandu jinforma lill-Istat applikant.

Taqsima III - Notifika ta' dokumenti

Artikolu 17 - Notifika ta' dokumenti

1. Fuq talba tal-Istat applikant, l-Istat mitlub għandu jinnotifika lill-indirizzat dokumenti, inklużi dawk li għandhom x'jaqsmu ma' deċizjonijiet ġudiżjarji, li joriġinaw mill-Istat applikant u li għandhom x'jaqsmu ma' taxxa koperta minn din il-Konvenzjoni.

2. L-Istat mitlub għandu jagħmel notifika ta' dokumenti:

a b'metodu preskritt mill-liġijiet domestiċi tiegħu għan-notifika ta' dokumenti ta' natura sostanzjalment simili;

b sakemm hu possibbli, b'metodu partikolari mitlub mill-Istat applikant jew dak l-aktar viċin dak il-metodu li jkun disponnibbli taħt il-liġijiet tiegħu.

3. Parti tista' tagħmel notifika ta' dokumenti direttament permezz tal-posta lill-persuna li jkun f'territorju ta' Parti oħra.

4. Ebda ħaġa fil-Konvenzjoni ma' għandha titqies li tinvalida notifika ta' dokumenti minn Parti skont il-liġijiet tagħha.

5. Meta dokument jiġi notifikat skont dan l-artiklu, ma jkunx hemm ħtieġa li jkun akkumpanjat minn traduzzjoni. Iżda, meta ikun sodisfatt li l-indirizzat ma jkunx jifhem il-lingwa tad-dokument, l-Istat mitlub għandu jirranġa biex issir traduzzjoni tiegħu fi jew sommarju miktub bil-lingwa jew waħda mill-lingwi uffiċjali tiegħu. Minflok, jista' jitlob lill-Istat applikant biex jittraduċi d-dokument fi jew li miegħu jibgħat sommarju f'waħda mill-lingwi uffiċċjali tal-Istat mitlub, tal-Kunsill tal-Ewropa jew tal-OECD.

Kapitolu IV - Provvedimenti dwar kull forma ta' assistenza

Artikolu 18 - Informazzjoni li għandu jipprovdi Stat applikant

1. Talba għall-assistenza għandha tindika fejn jeħtieġ:

a l-awtorità jew l-aġenzija li inizjalat t-talba magħmula mill-awtorità kompetenti;

b l-isem, l-indirizz, jew kull dettal ieħor li jgħin biex tiġi identifikata l-persuna li dwarha t-talba tkun magħmula;

ċ f'każ ta' talba għall-informazzjoni, il-forma li fiha l-Istat applikant jixtieq li tiġi mogħtija l-informazzjoni biex taqdi l-bżonnijiet tiegħu;

d fil-każ ta' assistenza fl-irkupru jew ta' miżuri ta' konservazzjoni, in-natura tat-talba tat-taxxa, il-komponenti tat-talba tat-taxxa u l-assi li minnhom it-talba tat-taxxa tista' tiġi rkuprata;

e fil-każ ta' talba għan-notifika ta' dokumenti, in-natura u s-suġġett tad-dokumenti li għandhom jiġu notifikati;

f jekk hi konformi mal-liġi u l-prattika amministrattiva tal-Istat applikant u jekk hi ġustifikata minħabba r-rekwiżiti tal-Artikolu 21.2.g.

2. Hekk kif kull informazzjoni oħra li tkun rilevanti għat-talba tiġi għall-

għarfien tiegħu, l-Istat applikant għandu jibgħatha lill-Istat mitlub.

Artikolu 19 - Imħassar

Artikolu 20 - Rispons għat-talba ta' assistenza

1. Jekk it-talba għall-assistenza tkun imħarsa, l-Istat mitlub għandu jinforma lill-Istat applikant tal-azzjoni li ttieħdet u r-riżultat tal-assistenza malajr kemm jista' ikun.

2. Jekk it-talba tiġi rifjutata, l-Istat mitlub għandu jinforma lill-Istat applikant b'dik id-deċiżjoni u bir-raġuni għaliha malajr kemm jista' ikun.

3. Jekk, dwar talba għall-informazzjoni, l-Istat applikant jkun speċifika l-forma li fiha jixtieq li tiġi mogħtija l-informazzjoni u l-Istat mitlub ikun f'pożizzjoni li jagħmel dan, l-Istat mitlub għandu jibgħatha fil-forma mitluba.

Artikolu 21 - Protezzjoni ta' persuni u limiti għall-obbligu li tingħata assistenza

1. Ebda ħaġa f'din il-Konvenzjoni m'għandha taffettwa d-drittijiet u s-salvagwardji assigurati lil persuni bil-liġijiet u bil-prattika amministrattiva tal-Istat mitlub.

2. Ħlief fil-każ tal-Artikolu 14, id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni m'għandhomx jitqiesu li jimponu fuq l-Istat mitlub l-obbligu:

a li jwettaq miżuri amministrattivi li ma jkunux jaqblu mal-liġijiet jew mal-prattika amministrattiva tiegħu stess jew mal-liġijiet jew mal-prattika amministrattiva tal-Istat applikant;

b li jwettaq miżuri li jmorru kontra l-ordni pubbliku (*ordre public*);

ċ li jagħti informazzjoni li ma tkunx tista' tinkiseb taħt il-liġijiet jew il-prattika amministrattiva tiegħu stess jew taħt il-liġijiet jew il-prattika amministrattiva tal-Istat applikant;

d li jagħti informazzjoni li tkun tikxef xi sigriet ta' sengħa, negozju, industrija, kummerċ jew professjoni jew proċess kummerċjali, jew informazzjoni, li meta din tiġi żvelata tkun tmur kontra l-ordni pubbliku (*ordre public*);

e li jipprovdi assistenza amministrattiva jekk u sakemm jikkunsidra li t-tassazzjoni fl-Istat applikant tmur kontra il-prinċipji ġenerali tat-taxxa aċċettati jew id-dispożizzjonijiet ta' ftehim għall-evitar ta' taxxa doppja, jew ta' kull ftehim ieħor li l-Istat mitlub ikun għamel mal-Istat applikant;

f li jipprovdi assistenza amministrattiva bil-għan li tiġi amministrata jew infurzata dispożizzjoni tal-liġi tat-taxxa tal-Istat applikant, jew kull rekwiżit konness miegħu, li tiddiskrimina ma' ċittadin tal-Istat mitlub meta mqabbel ma' ċittadin tal-Istat applikant fl-istess ċirkustanzi;

g li jipprovdi assistenza amministrattiva jekk l-Istat applikant ma jkunx ħa l-miżuri kollha raġonevoli disponibbli taħt il-liġijiet jew il-prattika amministrattiva tiegħu, ħlief meta l-użu ta' dawn il-miżuri jagħti lok għal diffikultà sproporzjonata;

h li jipprovdi assistenza fl-irkupru f'dawk il-każijiet meta l-piż amministrattiv għal dak l-Istat jkun b'mod ċar sproporzjonat għall-benefiċċju miksub mill-Istat applikant.

3. Jekk informazzjoni tintalab mill-Istat applikant skont din il-Konvenzjoni, l-Istat mitlub għandu juża l-miżuri tiegħu dwar ġbir ta' informazzjoni biex jikseb l-informazzjoni mitluba, ukoll jekk l-Istat mitlub jista' ma jkollux bżonn ta' dik l-informazzjoni għall-għanijiet tat-taxxa tiegħu. L-obbligu li jinsab fis-sentenza ta' qabel hu suġġett għall-limitazzjonijiet li jinsabu f'din il-Konvenzjoni, iżda f'ebda każ ma għandhom dawk il-limitazjonijiet, inkluż partikolarment dawk tal-paragrafi 1 u 2, jitqiesu li jippermettu Stat mitlub li jirrofta li jipprovdi informazzjoni unikament għaliex m'għandux interess domestiku f'dik l-informazzjoni.

4. F'ebda każ ma għandhom id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni, inkluż partikolarment dawk tal-paragrafi 1 u 2, jitqiesu li jippermettu Stat mitlub li jonqos li jipprovdi informazzjoni unikament għaliex l-informazzjoni tkun miżmuma minn xi bank, istituzzjoni finanzjarja oħra, *nominee* jew persuna li tkun qegħda taġixxi f'kapaċità ta' aġent jew fiduċjarju jew għaliex ikollha x'taqsam ma' interessi proprjetarji f'xi persuna.

Artikolu 22 - Segretezza

1. Kull informazzjoni li tikseb Parti taħt din il-Konvenzjoni għandha tkun ittrattata bħala sigrieta u protetta bl-istess mod bħal informazzjoni miksuba taħt il-liġi domestika ta' dik il-Parti u, sal-limitu meħtieġ biex tiżgura l-livell neċessarju ta' protezzjoni ta' *data* personali, skont is-salvagwardji li jistgħu jkunu speċifikati mill-Parti li tipprovdi l-informazzjoni kif meħtieġ taħt il-liġi domestika tagħha.

2. Dik l-informazzjoni għandha fi kwalunkw każ tiġi biss żvelata lil persuni jew awtoritajiet (inklużi l-qrati u korpi amministrattivi jew ta' superviżjoni) involuti fl-istima, il-ġbir jew l-irkupru ta', l-infurzar jew il-prosekezzjoni dwar, jew id-deċiżjoni ta' appelli dwar, it-taxxi ta' dik il-Parti, jew is-sorveljanza ta' dak kollu hawn qabel imsemmi. Il-persuni jew l-awtoritajiet imsemmija hawn fuq biss jistgħu jużaw l-informazzjoni u għal dawk l-għanijiet biss. Huma jistgħu, minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, jiżvelaw l-informazzjoni fi proċediment li jsir fil-qorti bil-miftuħ jew f'deċiżjonijiet tal-qorti

dwar dawk it-taxxi.

3. Jekk Parti tkun għamlet riserva kif previst fis-sub-paragrafu a. tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 30, kull Parti oħra li tikseb informazjoni minn dik il-Parti m'għandhiex tużaha għal fini ta' taxxa f'kategorija li tkun suġġetta għal riserva. Bl-istess mod, il-Parti li tagħmel dik ir-riserva m'għandhiex tuża' informazzjoni miksuba taħt din il-Konvenzjoni għal fini ta' taxxa f'kategorija suġġetta għar-riserva.

4. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1, 2 u 3, informazzjoni riċevuta minn Parti tista' tiġi użata għal għanijiet oħra meta dik l-informazzjoni tista' tiġi użata għal dawk l-għanijiet oħra taħt il-liġijiet tal-Parti li tipprovdi l-informazzjoni u l-awtorità kompetenti ta' dik il-Parti tawtorizza dak l-użu. Informazzjoni li tkun provduta minn Parti lil Parti oħra tista' tiġi trasmessa minn din tal-aħħar lil Parti terza, sakemm ikun hemm awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti tal-Parti l-ewwel imsemmija.

Artikolu 23 - Proċedimenti

1. Proċedimenti dwar miżuri meħuda taħt din il-Konvenzjoni mill-Istat mitlub għandhom isiru biss lil korp li hu xieraq ta' dak l-Istat.

2. Proċedimenti dwar miżuri meħuda taħt din il-Konvenzjoni mill-Istat applikant, partikolarment dawk li, fil-qasam tal-irkupru, jinvolvu l-eżistenza jew l-ammont tat-talba tat-taxxa jew l-istrument li jippermetti l-infurzar tiegħu, għandhom isiru biss lil korp li hu xieraq ta' dak l-Istat. Jekk isiru dawk il-proċedimenti, l-Istat applikant għandu jinforma lill-Istat mitlub u dan għandu jissospendi l-proċeduri sakemm tittieħed id-deċizjoni mill-korp inkwistjoni. Iżda, l-Istat mitlub għandu, jekk mitlub mill-Istat applikant, jieħu miżuri ta' konservazzjoni sabiex jissalvagwardja l-irkupru. L-Istat mitlub jista' ukoll jiġi nfurmat b'dawk il-proċedimenti minn kull persuna interessata. Meta jirċievi informazzjoni bħal dik l-Istat mitlub għandu jikkonsulta dwar il-materja, jekk meħtieġ, mal-Istat applikant.

3. Hekk kif deċiżjoni finali fil-proċedimenti tingħata, l-Istat mitlub jew l-Istat applikant, skont kif ikun il-każ, għandu javża lill-Istat l-ieħor bid-deċizjoni u bl-implikazzjonijiet li għandha għat-talba ta' assistenza.

Kapitolu V - Provvedimenti speċjali

Artikolu 24 - Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jikkomunikaw ma' xulxin dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni permezz tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkomunikaw direttament għal dan il-għan u jistgħu jawtorizzaw awtoritajiet subordinati li jaġixxu f'isimhom. L-awtoritajiet kompetenti ta'żewġ Partijiet jew aktar jistgħu jiftiehmu reċiprokament dwar il-

mod ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni bejniethom.

2. Meta l-Istat mitlub iqis li l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni f'każ partikolari ikollha konsegwenzi serji u li ma jkunux mixtieqa, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat mitlub u tal-Istat applikant għandhom jikkonsultaw ma' xulxin u jippruvaw biex jirrisolvu s-sitwazzjoni bi ftehim reċiproku.

3. Korp ta' koordinazzjoni magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet għandu jissorvelja l-implimentazzjoni u żvilupp tal-Konvenzjoni, taħt il-patroċinju tal-OECD. Għal dak il-għan, il-korp ta' koordinazzjoni għandu jirrakkomanda kull azzjoni li probabbilment iżżid mal-miri ġenerali tal-Konvenzjoni. B'mod partikolari għandu jaġixxi bħala forum għall-istudju ta' metodi u proċeduri ġodda biex tiżdied il-kooperazjoni internazzjonali f'materji ta' taxxa u, meta hu xieraq, jista' jirrakkomanda reviżjonijiet jew emendi għall-Konvenzjoni. L-Istati li iffirmaw iżda għadhom ma irratifikawx, ma aċċettawx jew ma approvawx il-Konvenzjoni huma intitolati li jkunu rappreżentati fil-laqgħat tal-korp ta' koordinazzjoni bħala osservaturi.

4. Parti tista' titlob lill-korp ta' koordinazzjoni biex jagħti opinjonijiet dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni.

5. Meta jqumu diffikultajiet jew dubji bejn żewġ Partijiet jew aktar dwar l-implimentazzjoni jew l-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni, l-awtoritajiet kompetenti ta' dawk il-Partijiet għandhom jippruvaw jirrisolvu l-kwistjoni bi ftehim reċiproku. Il-ftehim ghandu jkun kommunikat lill-korp ta' koordinazzjoni.

6. Is-Segretarju Ġenerali tal-OECD għandu jinforma lill-Partijiet, u l-Istati Firmatarji li għadhom ma irratifikawx, ma aċċettawx jew ma approvawx il-Konvenzjoni, bl-opinjonijiet li ġew provduti mill-korp ta' koordinazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4 ta' hawn fuq u b'kull ftehim reċiproku milħuq taħt il-paragrafu 5 ta' hawn fuq.

Artikolu 25 - Lingwa

Talbiet għall-assistenza u tweġibiet dwarhom għandhom isiru f'waħda mill-lingwi uffiċjali tal-OECD u tal-Kunsill tal-Ewropa jew f'kull lingwa oħra li dwarha jiftiehmu bilateralment L-Istati Kontraenti involuti.

Artikolu 26 - Spejjeż

Sakemm ma jkunx miftiehem xort'oħra bilateralment mill-Partijiet involuti:

a spejjeż ordinarji mġarrba biex tipprovdi assistenza għandhom jitħallsu mill-Istat mitlub;

b spejjeż straordinarji mġarrba biex tipprovdi assistenza għandhom jitħallsu mill-Istat applikant.

Kapitolu VI - Provvedimenti finali

Artikolu 27 - Ftehim jew arranġamenti oħra internazzjonali

1. Il-possibiltajiet ta' assistenza li tipprovdi l-Konvenzjoni ma jillimitawx, u lanqas huma limitati minn, dawk li jinsabu fi ftehim jew arrangamenti oħra internazzjonali eżistenti jew futuri bejn il-Partijiet involuti jew strumenti oħra li għandhom x'jaqsmu ma' kooperazzjoni f'materji ta' taxxa.

2. Minkejja l-paragrafu 1, dawk il-Partijiet li huma Stati membri tal-Unjoni Ewropea jistgħu japplikaw, fir-relazzjonijiet reċiproċi bejniethom, il-possibiltajiet ta' assistenza li tipprovdi l-Konvenzjoni sakemm jippermettu kooperazzjoni aktar wiesa' mill-possibiltajiet offerti mir-regoli applikabbli tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 28 - Iffirmar u bidu fis-seħħ tal-Konvenzjoni

1. Din il-Konvenzjoni għandha tkun miftuħa għall-iffirmar mill-Istati membri tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Istati membri tal-OECD. Hi suġġetta għal ratifikà, aċċettazzjoni jew approvazzjoni. Strumenti ta' ratifikà, aċċettazzjoni jew approvazzjoni għandhom jiġu depożitati ma' wieħed mid-Depożitarji.

2. Din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara li jintemm perjodu ta' tliet xhur wara d-data li fiha ħames Stati ikunu esprimew il-kunsens tagħhom li jintrabtu bil-Konvenzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1.

3. Dwar kull membru tal-Kunsill tal-Ewropa jew kull pajjiż membru tal-OECD li sussegwentement jesprimi l-kunsens li jintrabat biha, il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara li jintemm perjodu ta' tliet xhur wara d-data tad-depożitu tal-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni.

4. Kull Stat membru tal-Kunsill tal-Ewropa jew kull pajjiż membru tal-OECD li jsir Parti tal-Konvenzjoni wara li jidħol fis-seħħ il-Protokoll li jemenda il-Konvenzjoni, li nfetaħ għall-iffirmar fis-27 ta' Mejju 2010 (il-"Protokoll tal-2010"), għandu jkun Parti tal-Konvenzjoni kif emendata b'dak il-Protokoll, sakemm ma jesprimux intenzjoni differenti f'komunikazzjoni bil-miktub lil wieħed mid-Depożitarji.

5. Wara li jidħol fis-seħħ il-Protokoll tal-2010, kull Stat li mhux membru tal-Kunsill tal-Ewropa jew tal-OECD jista' jitlob biex jiġi mistieden biex jiffirma u jirratifika din il-Konvenzjoni kif emendata bil-Protokoll tal-2010. Kull talba għal dan il-għan għandha tkun indirizzata lil wieħed mid-Depożitarji, li għandu jittrasmettiha lil Partijiet. Id-Depożitarju għandu jinforma wkoll il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Kunsill tal-OECD. Id-deċizjoni li jiġu mistiedna Stati li jitolbu li jsiru Parti tal-Konvenzjoni għandha tittieħed b'kunsens

mill-Partijiet tal-Konvenzjoni permezz tal-korp ta' koordinazzjoni. Dwar kull Stat li jirratifika l-Konvenzjoni kif emendata bil-Protokoll tal-2010 skont dan il-paragrafu, din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara li jintemm perjodu ta' tliet xhur wara d-data ta' depożitu tal-istrument ta' ratifika ma' wieħed mid-Depożitarji.

6. Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni, kif emendata bil-Protokoll tal-2010, għandu jkollhom effett dwar assistenza amministrattiva relatati ma' perjodi ta' taxxa li jibdew fi jew wara l-1 ta' Jannar tas-sena li taħbat wara s-sena li fiha l-Konvenzjoni, kif emendata bil-Protokoll tal-2010, daħlet fis-seħħ dwar xi Parti, jew meta ma hemmx perjodu ta' taxxa, dwar assistenza amministrattiva relatata ma' taxxa stmata fi jew wara l-1 ta' Jannar tas-sena li taħbat wara s-sena li fiha l-Konvenzjoni, kif emendata bil-Protokoll tal-2010, daħlet fis-seħħ dwar dik il-Parti. Żewġ Partijiiet jew aktar jistgħu jiftiehmu reċiprokament li l-Konvenzjoni, kif emendata bil-Protokoll tal-2010, għandu jkollha effett għall-assistenza amministrattiva dwar perjodi ta' taxxa jew stimi ta' taxxa li ġew qabel.

7. Minkejja l-paragrafu 6, dwar materji ta' taxxa li jinvolvu kondotta intenzjonali li tkun suġġetta għall-prosekuzzjoni taħt il-liġijiet kriminali tal-Parti applikanti, id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni, kif emendata bil-Protokoll tal-2010, għandu jkollhom effett mid-data tal-bidu fis-seħħ dwar Parti rigward perjodi ta' taxxa jew stimi ta' taxxa li ġew qabel.

Artikolu 29 - Applikazzjoni tal-Konvenzjoni dwar territorju

1. Kull Stat jista', filwaqt tal-iffirmar, jew meta jiddepożita l-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni tiegħu, jispeċifika t-territorju jew territorji li għalihom għandha tapplika din l-Konvenzjoni.

2. Kull Stat jista', f'kull data aktar tard, b'dikjarazzjoni indirizzata lil wieħed mid-Depożitarji, jestendi l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni lil kull territorju ieħor speċifikat fid-dikjarazzjoni. Dwar dak it-territorju l-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara li jintemm perjodu ta' tliet xhur wara d-data li fiha tiġi riċevuta dik in-notifika mid-Depożitarju.

3. Kull dikjarazzjoni magħmula taħt xi wieħed miż-żewġ paragrafi preċedenti tista', dwar xi territorju speċifikat f'dik id-dikjarazzjoni, tkun irtirata b'notifika indirizzata lil wieħed mid-Depożitarji. L-irtirar għandu jkun effettiv fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara li jintemm perjodu ta' tliet xhur wara d-data li fiha tiġi riċevuta dik in-notifika mid-Depożitarju.

Artikolu 30 - Riservi

1. Kull Stat jista', filwaqt tal-iffirmar jew meta jiddepożita l-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni jew f'kull data oħra aktar tard, jiddikjara li jirriserva d-dritt:

a li ma jipprovdi ebda forma ta' assistenza dwar it-taxxi ta' Partijiet oħra f'xi waħda mill-kategoriji elenkati fis-sub-paragrafu b. tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 2, sakemm ma jkunx inkluda xi taxxa domestika f'dik il-kategorija fl-Anness A tal-Konvenzjoni;

b li ma jipprovdix assistenza fl-irkupru ta' xi talba ta' taxxa, jew fl-irkupru ta' multa amministrattiva, għat-taxxi kollha jew biss għat-taxxi f'waħda jew aktar tal-kategoriji elenkati fil-paragrafi 1 tal-Artikolu 2;

ċ li ma jipprovdix assistenza dwar xi talba ta' taxxa, li tkun teżisti fid-data tal-bidu fis-seħħ tal-Konvenzjoni dwar dak l-Istat jew, meta riserva tkun saret qabel taħt is-sub-paragrafu a. jew b. ta' hawn fuq, fid-data tal-irtirar ta' dik ir-riserva dwar taxxi fil-kategoriji inkwistjoni;

d li ma jipprovdix assistenza fin-notifika ta' dokumenti dwar it-taxxi kollha jew biss dwar taxxi f'waħda jew aktar tal-kategoriji elenkati fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 2;

e li ma jippermettix in-notifika ta' dokumenti permezz tal-posta kif previst fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 17;

f li japplika l-paragrafu 7 tal-Artikolu 28 esklussivament għall-assistenza amministrattiva dwar perjodi ta' taxxa li jibdew fi jew wara l-1 ta' Jannar tat-tielet sena li tiġi qabel dik li l-Konvenzjoni, kif emendata bil-Protokoll tal-2010, daħlet fis-seħħ dwar Parti, jew meta ma jkunx hemm perjodu ta' taxxa, dwar assistenza amministrattiva dwar stimi ta' taxxa fi jew wara l-1 ta' Jannar tat-tielet sena li tiġi qabel dik li fiha il-Konvenzjoni kif emendata bil-Protokoll tal-2010, daħlet fis-seħħ dwar Parti.

2. L-ebda riserva oħra ma tista' issir.

3. Wara li tidħol fis-seħħ il-Konvenzjoni dwar Parti, dik il-Parti tista' tagħmel waħda jew aktar mir-riservi elenkati fil-paragrafu 1 li ma tkunx għamlet filwaqt tar-ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni. Dawk ir-riservi għandhom jidħlu fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara li jintemm perjodu ta' tliet xhur wara d-data li fiha tiġi riċevuta r-riserva minn wieħed mid-Depożitarji.

4. Kull Parti li tkun għamlet riserva taħt il-paragrafi 1 u 3 tista' tirtiraha kollha jew parti minnha permezz ta' notifika indirizzata lil wieħed mid-Depożitarji. L-irtirar għandu jkollu effett fid-data li fiha tiġi riċevuta dik n-notifika mid-Depożitarju inkwistjoni.

5. Kull Parti li tkun għamlet riserva dwar dispożizzjoni tal-Konvenzjoni tista' ma teħtieġx l-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni minn kull Parti oħra; tista', madankollu, jekk ir-riserva tagħha tkun parzjali, teħtieġ l-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni sal-limitu li hi nnifisha tkun aċċettatha.

Artikolu 31 - Denunzja

1. Kull parti tista', f'kull ħin, tiddenunzja l-Konvenzjoni permezz ta' notifika indirizzata lil wieħed mid-Depożitarji.

2. Dik id-denunzja għandha tkun effettiva fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara li jintemm perjodu ta' tliet xhur wara d-data li fiha tiġi riċevuta n-notifika mid-Depożitarju;

3. Kull Parti li tiddenunzja l-Konvenzjoni għandha tibqa' marbuta bid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22 tul iż-żmien kollu li tibqa' iżżomm fil-pussess tagħha xi dokumenti jew informazzjoni li kisbet taħt il-Konvenzjoni.

Artikolu 32 - Id-Depożitarji u l-funzjonijiet tagħhom

1. Id-Depożitarju li miegħu diġà kien hemm att, notifika jew komunikazzjoni, għandu jinnotifika L-Istati membri tal-Kunsill tal-Ewropa u l-pajjiżi membri tal-OECD u kull Parti ta' din il-Konvenzjoni:

a b'kull firma;

b bid-depożitu ta' kull strument ta' ratifikà, aċċettazzjoni jew approvazzjoni;

ċ b'kull data tal-bidu fis-seħħ tal-Konvenzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 28 u 29;

d b'kull dikjarazzjoni li ssir skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 4 jew il-paragrafu 3 tal-Artikolu 9 u bl-irtirar ta kull dikjarazzjoni bħal dik;

e b'kull riserva li ssir skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30 u l-irtirar ta' kull riserva bħal dik magħmul skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4 tal-Artikolu 30;

f b'kull notifika li tiġi riċevuta skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 jew 4 tal-Artikolu 2, tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 3, tal-Artikolu 29 jew tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 31;

g b'kull att, notifika jew komunikazzjoni oħra dwar din il-Konvenzjoni.

2 Id-Depożitarju li jirċievi komunikazzjoni jew li jagħmel notifika skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandu jinforma minnufih lid-Depożitarju l-ieħor b'dan.

B’xiehda ta’ dan is-sottoskritti, awtorizzati kif imiss biex jagħmlu dan, iffirmaw din il-Konvenzjoni.

Stabbilit mid-Depożitarji fl-1 jum ta’ Ġunju 2011 skont l-Artikolu X.4 tal-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni dwar Assistenza Amministrattiva dwar Materja ta’ Taxxa, bl-Ingliż u bil-Franċiż, iż-żewġ testi awtentiċi indaqs, f’żewġ kopji li waħda minnhom għandha tiġi depożitata fl-arkivji ta’ kull Depożitarju. Id-Depożitarji għandhom jibagħtu kopja ċertifikata lil kull Parti tal-Konvenzjoni kif emendata bil-Protokoll u lil kull Stat li hu intitolat li jsir parti.

Għall-Gvern ta’ Malta

Aldo Farrugia

26-10-2012

Ministeru tal-Affarijiet Barranin

Malta

DOKUMENT TA’ RATIFIKA

IR-REPUBBLIKA TA’ MALTA, Stat Membru tal-Kunsill tal-Ewropa;

BILLI TIRRIKONOXXI l-importanza tal-Konvenzjoni dwar Assistenza Amministrattiva Reċiproka dwar Materja ta’ Taxxa, kif emendata bil-Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni dwar Assistenza Amministrattiva dwar Materja ta’ Taxxa;

U BILLI l-Gvern ta’ Malta issa iffirma l-Konvenzjoni hawn qabel imsemmija fis-26 ta’ Ottubru 2012;

IL-GVERN TAR-REPUBBLIKA TA’ MALTA qiegħed hawn jikkonferma u jirratifika l-istess u jintrabat fedelment li jagħmel u jwettaq dak kollu li hu stipulat li jinsab hemmhekk, bla ħsara għad-dikjarazzjonijiet u riservi li jinsabu fid-dokument anness;

B’XIEHDA TA’ DAN dan id-Dokument ta’ Ratifika hu iffirmat u siġillat għar-Repubblika ta’ Malta mill-Ministru tal-Affarijiet Barranin.

Magħmul il-Belt Valletta, dan it-23 jum ta’ Mejju, Elfejn u Tlettax.

George W. Vella

B 2458

Anness A

Konvenzjoni Konġunta tal-Kunsill tal-Ewropa/OECD dwar Assistenza Amministrattiva Reċiproka dwar Materja ta' Taxxa

Dikjarazzjonijiet/Riservi li għandhom isiru minn Malta filwaqt tal-iffirmar:

Dikjarazzjonijiet

• Dwar il-paragrafu 2 tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni (u għall-għanijiet tal-Anness A għall-Konvenzjoni), Malta tiddikjara li fil-każ tagħha l-Konvenzjoni tapplika għat-taxxi li ġejjin kif elenkati fil-paragrafi 1.a u 1.b tal-imsemmi Artikolu 2 -

1. Artikolu 2, paragrafu 1.a:

   i. It-Taxxa imposta taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*

   ii. Mhux Applikabbli

   iii. Mhux Applikabbli

2. Artikolu 2, paragrafu 1.b:

   i. Mhux Applikabbli

   ii. Mhux Applikabbli

   iii. A. Mhux Applikabbli

   B. Mhux Applikabbli

   Ċ. It-Taxxa imposta taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud;

   D. Mhux Applikabbli

   E. Mhux Applikabbli

   F. Mhux Applikabbli

   G. Mhux Applikabbli

   iv. Mhux Applikabbli

• Dwar il-paragrafu 1.d tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni (u għall-għanijiet tal-Anness B għall-Konvenzjoni), Malta tiddikjara li l-Awtorità Kompetenti ser ikun il-Ministru responsabbli għall-finanzi jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

Riservi

Malta tikkonferma li l-approvazzjoni tagħha tal-Konvenzjoni hi suġġetta għar-riservi li ġejjin:

1. Dwar l-Artikolu 30, paragrafu 1.a -

Malta tirrisserva d-dritt li ma tipprovdi ebda forma ta' assistenza dwar taxxi ta' Partijiet oħra li huma inklużi f'waħda mill-kategoriji li ġejjin elenkati fis-sub-paragrafi b.ii, b.iii u b.iv tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni:

Sub-Paragrafu ii. kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali obbligatorji li huma pagabbli lill-gvern ġenerali jew lill-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali stabbiliti taħt il-liġi pubblika;

Sub-Paragrafu iii. A. taxxi fuq l-*estate*, wirt jew rigali;

B. taxxi fuq proprjetà immobbli;

D. taxxi speċifiċi fuq l-oġġetti u s-servizzi bħal taxxi tas-sisa;

E. taxxi fuq l-użu jew għax tkun sid ta' vetturi bil-mutur;

F. taxxi fuq l-użu jew għax tkun sid ta' proprjetà mobbli ħlief għal vetturi bil-mutur;

G. kull taxxa oħra;

Sub-Paragrafu iv. it-taxxi fil-kategoriji A, B, D, E, F u G elenkati fis-sub-paragrafu iii ta' hawn fuq li huma imposti f'isem sottodiviżjonijiet politiċi jew awtoritajiet lokali ta' Parti.

2. Dwar l-Artikolu 30, paragrafu 1.b -

Malta tirriserva d-dritt li ma tipprovdix assistenza fl-irkupru ta' kull talba ta' taxxa, jew fl-irkupru ta' kull multa amministrattiva, dwar it-taxxi kollha elenkati fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ħlief għal kategoriji elenkati fis-sub-paragrafi a.1 u 1.ii ta' dak il-paragrafu 1.

3. Dwar l-Artikolu 30, paragrafu 1.ċ -

Malta tirriserva d-dritt li ma tipprovdix assistenza dwar kull talba ta' taxxa, li tkun teżisti fid-data tal-bidu fis-seħħ tal-Konvenzjoni fir-rigward ta' Malta u, minħabba r-riservi fir-rigward tal-paragrafi 1.a u 1.b tal-Artikolu 30 tal-Konvenzjoni, dwar kull talba eżistenti ta' taxxa fid-data tal-irtirar ta' dik ir-riserva minn Malta.

VERŻJONI ELETTRONIKA

B 2460

4. Dwar Artikolu 30, paragrafu 1.d -

Malta tirriserva d-dritt li ma tipprovdix assistenza fin-notifika ta' dokumenti dwar taxxi elenkati fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ħlief għal kategoriji elenkati fis-sub-paragrafi a.i u a.ii ta' dak il-paragrafu 1.